

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

3.2.2009

B6-0093/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

skont l-Artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Theodor Dumitru Stolojan, Marian Zlotea, Rareș-Lucian Niculescu, Flaviu Călin Rus, Dragoș Florin David, Maria Petre, Iosif Matula, Sebastian Valentin Bodu, Alexandru Nazare, Adrian Manole, Marian-Jean Marinescu u Constantin Dumitriu

dwar il-ħolqien ta' ċentru Ewropew biex jiġu prevenuti u miġġildin l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħolqien ta' ċentru Ewropew biex jiġu prevenuti u miġġieldin l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport minn Roberta Angelilli, adottat fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2009, dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tiġbor fiha d-dritt tat-tfal għall-protezzjoni u l-ħarsien,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi hemm bżonn għall-Istati Membri kollha biex jikkooperaw, kemm f'livell diplomatiku u f'dak amministrattiv, biex jirrisolvu każijiet transkonfinali,
- B. billi huwa neċessarju li jitwaqqfu l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal,
1. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi biex joħlqu ċentru Ewropew biex jiġu prevenuti u miġġieldin l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.